# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 499/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Victoire Muliet**

Illum 23 ta' Frar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanta **Victoire Muliet**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 490975(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. għax-xahar ta' Marzu, April u Mejju 2022, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqset li tagħti lil Abdulslam Hamoud u/jew lil uliedha s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għalih u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li

fih skont l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Novembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 7, 18 u 338(ż) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha fir-rigward tax-xahar ta' Mejju biss u kkundannatha xahar detenzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellanta ppreżentat fid-29 ta' Novembru 2022 2022 fejn talbet lil din l-Qorti sabiex: *"tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li sabet ħtija pero' tħassarha f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena ta' detenzjoni, stante li fil-frattemp anke l-pagament dovut ġie saldat, u minflok tikkundannaha għal piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-uniku aggravju mressaq mill-appellanta fir-Rikors tal-appell tagħha huwa dak li jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi l-Qorti jirriżultalha li l-appellanta ħallset l-ammont dovut minnha lil *parte civile* u li da parte tiegħu l-*parte civile* nforma lill-Qorti li l-ammont kollu relatat mal-proċeduri odjerni ġie saldat u li kien qed jirrinunzja għal dak li huwa rinunzjabbli.

Illi stante illi l-kontravenzjoni in kwistjoni hija kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li għad illi mhux normali li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata ħlief jekk dik il-Qorti ma setgħetx raġonevolment u legalment tasal għal dik il-konklużjoni, madanakollu l-iskop tal-leġislatur kif espress f'Artikolu 338(ż) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ntlaħaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' ħlas tal-ammont kollu dovut. In fatti, kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Said** (Numru 124/2003) mogħtija fid-9 ta' Lulju 2003, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti tinnota li hemm lok li jkun hemm temperament fil-piena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet ħtija fl-appellanta għall-imputazzjoni addebitata lilha fir-rigward tax-xahar ta' Mejju biss, tgħaddi biex tvarja l-piena nflitta u wara li rat Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tikkommettiex reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk hija tikkommetti reat ieħor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**